**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 6 tal-Kap 217, 172(1)(2),**
**176 u 189 tal-Kap 9,**
**l-artikolu 14 u 15**
**tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Sandro Zarb**
**V**

**OSAMA SULIMAN AL NAJJAR**

**Seduta ta' llum, 18 ta' Settembru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **OSAMA SULIMAN AL NAJJAR** ta' nazzjonalita Libjana, bin Suliman u Mariam, imwieled Tripoli fis-sitta w ghoxrin ta' Frar, 1978 u detentur ta' passaport numru 699173 gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn l-ahhar xhur f'dawn il-Gzejjer, iffalsifika jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li hu jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih.

Talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ffalsifikati.

Talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw jew jimmarkaw fl-isem tal-Gvern jew ta' l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta' propjeta pubblika jew li jkunu qeghdin taht l-kustodja pubblika jew li jkunu qeghdin taht l-kustodja pubblika wkoll jekk dan sar bl-uzu falz tal-ghodda vera.

Talli matul l-ahhar xhur minghajr m'inghata permess ta' residenza, nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li taghti l-piena stabbilita mill-ligi tiddikjara lil imsemmija persuna bhala mmigrant projbit u tohrog Ordni ta' Tnehhija kontra tieghu.

Rat d-dokumenti esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sittax ta' Settembru, 2002 markat bhala dokument AB u l-fedina penali tal-imputat li hija relattivament nadifa.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 6 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 172(1)(2) u 176 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 189 tal-istess Kap u l-artikolu 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fil-verbal tas-seduta ta' llum, u ghalhekk fuq tali ammissjoni m’ghandiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif addebitati lilu.**

**Il-Qorti qieset c-cirkostanzi kollha tal-kaz u tiddikjara li l-piena idoneja f'dawn ic-cirkostanzi hija dik ta' prigunerija sospiza u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tikkundanna lil imputat ghal piena karcerarja ta' sitt xhur sospizi ghal perjodu ta’ sentejn snin.**

**Oltre dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 15 tal-Kap 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li tinhareg Ordni ta' Tnehhija kontra l-istess imputat.**

**Il-Qorti spjiegat fi kliem car s-sinifikat ta' din s-sentenza lil imputat u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**